Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Audrey Micallef]

vs

Marvin Farrugia

Kumpilazzjoni Numru: 641/2020

Illum 23 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marvin Farrugia detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 0622382M akkuzat talli

nhar il-21 ta' Novembru 2020 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, gewwa Qormi u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna lill-genituri tieghu **Lawrence Farrugia** u **Mary Rose nee' Dingli**, biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u dan bi ksur t' *Artiklu 251B(1) u l-Artiklu 251H(a), Artiklu 222 (1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2 Ittrasferixxa jew ikkunsinja 3 armi regolari bin-numru: **i)** U22462 ta' l-ghamla "Luigi Franchi", **ii)** 864026 ta' l-ghamla "Eclipse" u **iii)** 39380 ta' l-ghamla "Asken" minghajr ma nforma lill-Kummissarju tal-Pulizija b'dak it-trasferiment jew kunsinja skond il-kaz fi zmien 15 ilgurnata minn meta sehh dan it-trasferiment;

3 Talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik illicenzja.

U akkuzat ukoll talli nhar il-21 ta' Novembru 2020 gewwa Qormi:

4 Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250€ ghad-dannu tal-genituri tieghu **Lawrence Farrugia** u **Mary Rose nee' Dingli** u dan bi ksur t' *Artiklu 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5 Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil genituri tieghu **Lawrence Farrugia** u lil **Mary Rose nee' Dingli** u dan bi ksur t' *Artiklu339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6 Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat , ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur t' *Artiklu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

7 Akkuzat wkoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 mal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn

Mgt. Dr. Doreen Clarke LLD, nhar il-25 ta' Lulju 2019, fejn gie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Marvin Farrugia** a beneficju tal-genituri tieghu Lawrence Farrugia u Mary Rose nee' Dingli u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **Lawrence Farrugia u Mary Rose nee' Dingli** u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Marvin Farrugia** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Marvin Farrugia** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk

ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba thassar jew tissospendi licenzja mahruga taht dan l-Att dwar l-Armi u tipprojbixxi lil **Marvin Farrugia** ghal zmien li jidhrilha xieraq u dan kif mahsub f'Artikolu 57 ta' l- Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Stante li l-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi ma gewx ippruvati u stante li saret ammissjoni biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi, qed issib lill-istess imputat Marvin Farrugia hati biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikolu 51(a) u 57 tal-Kap. 480 tikkundannah multa ta' erba' mitt ewro (€400) flimkien mas-sospensjoni tal-licenzja tal-armi tal-imputat ghal zmien hames (5) snin u tilliberah mill-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-armi kkonfiskati mill-pulizija a favur il-Gvern ta' Malta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**